MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru 778/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Clive Pirotta**
**Oliver Pirotta**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Clive Pirotta ta’ 23 sena, iben Emanuel u Helen nee’ Galea, mwieled Pieta’ nhar il-15 ta’ Novembru 1985 u residenti gewwa 32, Redentur, Triq id-Dejqa, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 571485(M) u l-imputat Oliver Pirotta ta’ 35 sena, iben Emanuel u Helen nee’ Galea, mwieled Pieta’ nhar it-30 ta’ Ottubru 1973 u residenti gewwa Block 3 Flat 9, Triq il-Gibilta’,

Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 504173(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda.

1. Bejn il-15 ta' Gunju 2009 u it-22 ta' Gunju 2009, minn gewwa sit ta' kostruzzjoni li jinsab gewwa Triq l-Ahmar, Marsaskala, ikkommettew serq ta' diversi ghodda u materjal ta' kostruzzjoni, propjeta' ta' Charlotte Ciantar liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix il-2,329.37 Ewro (elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu) u aktar talli;

2. Fit-23 ta' Gunju 2009, ghall-habta ta' bejn il-17:00hrs u 17:15hrs minn gewwa sit ta' kostruzzzjoni li jinsab gewwa Triq l-Ahmar, Marsaskala, ikkommettew serq ta' diversi ghodda u materjal ta' kostruzzjoni, propjeta' ta' Charlotte Ciantar liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix il-2,329.37 Ewro (elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin Ewro centezmu) u aktar talli;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Awwissu 2009 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2009 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputati rregistraw ammisjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, kif ukoll il-fatt li r-res furtiva giet ritornata lil vittma u l-fatt li kkoperaw mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.
Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267 u 268 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------